MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 188/1997/1

**Martin Spiteri**

**Vs**

**Angelo Zahra**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlett elef, erba' mija u sitt liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm3,406.53);

Premess illi s-somma ta’ Lm3,406.53 dovuti lill-attur jirraprezentaw prezz ta’ xoghol li sar mill-attur fuq karozzi proprjeta’ tal-konvenut u cioe’ Escort, zewg VW Golf u Mitsubishi Pajero, kif ukoll rapprezentanti materjal (‘spare parts’) li xtara l-attur ghall-imsemmija karozzi; u

Premess illi l-ammont fuq imsemmi jirraprezenta wkoll kontijiet ta’ persuni ohra, bhal engineers u electricians li wkoll ghamlu xi xogholijiet fuq il-karozzi tal-konvenut, u liema kontijiet kien hallas l-attur bil-ftehim li fl-ahhar il-konvenut ihallsu ta’ kollox;

Premess illi minkejja nterpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Jghid ghaliex il-konvenut ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u sitt liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm3,406.53) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ta’ tmienja fil-mija (8%) kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont reklamat mill-attur mhux dovut billi x-xoghol li suppost li ghamel l-attur fuq il-vettura tal-eccipjenti tant sar hazin li kkawza danni ngenti fiha li ghalihom qieghed jinzamm responsabbli u dan ai termini tal-kontro-talba prezentata kontestwalment mal-prezenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat it-**talba rikonvenzjonali** tal-konvenut a fol 14:

1. Peress illi l-attur gie nkarigat jaghmel xogholijiet fuq il-vettura tal-konvenut u l-attur accetta li jaghmel dawn ix-xogholijiet u suppost li esegwihom skond ma titlob is-sengha u l-arti pero' fil-fatt ghamel xoghol tant hazin li l-eccipjenti kellu jqabbad lil haddiehor sabiex jesegwixxi l-istess xogholijiet b'mod tajjeb u kif titlob is-sengha u l-arti;

2. Peress illi l-eccipjenti ghalhekk sofra danni li ghalihom huwa responsabbli l-attur, konsistenti dawn id-danni primarjament fi spejjez li huwa nkorra sabiex irripara l-vettura tieghu li ghalihom huwa responsabbli l-attur li ghalkemm gie nterpellat ghalihom baqa' nadempjenti.

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-attur ghamel xoghol hazin fil-vettura tal-eccipjenti u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-eccipjenti;

2. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni subiti mill-konvenut, jekk hemm bzonn permezz tan-nomina ta' periti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi x-xoghol ezegwit mill-attur fuq il-vetturi tal-konvenut sar skond is-sengha u l-arti u l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur jirraprezenta wkoll kontijiet ta'

persuni ohra li wkoll ezegwew xi xogholijiet fuq il-vetturi tal-konvenut.

2. Illi l-ammont mitlub mill-attur ma jirraprezentax biss xoghol ezegwit fuq il-vettura tal-marka Escort izda jirraprezenta wkoll xoghol li sar fuq zewg VW Golf u Mitsubishi Pajero, kif ukoll prezz ta' "spare-parts" li xtara l-attur ghall-vetturi tal-konvenut.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din Il-kawza hija dwar hlasijiet dovuti lill attur ghat-tiswija ta' erba' vetturi li hu kien ghamel fuq inkarigu tal-konvenut u ghall *parts* li kien xtara biex jaghmel dawn it-tiswijiet.

**<u>Kont ghaz zewg karozzi Volkswagon Golf u Mitsubishi</u>**

Ghaz zewg karozzi Volkswagon Golf u Mitsubishi Pajero l-attur qed jippretendi s-somma ta' **LM322.35** skond Dok MS1 sa MS5 a fol 32 sa 37 (ara wkoll lista tax-xoghol li sar a fol 24). Fuq dana l-ammont xehdu Marthese Spiteri u Mark Abela u mill-eccezzjoni tal-konvenut ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom.

**<u>Kont ghal Ford Escord Cosworth</u>.**

Il-kwistjoni principali tikkoncerna x-xogholijiet esegwiti u *parts* mixtrija mill-attur sabiex hu u l-impjegati tieghu hadmu fuq il-karozza tat-tlielaq Ford Escord Cosworth li l-konvenut ried jarma b'mod li tkun tista' tikkompeti u tirbah it-tlielaq (ara lista tax-xoghol li sar a fol 25 sa 28 minn Mejju 1994 sa Settembru 1996). Il-*parts* li ntuzaw fuq l-Escort jammontaw ghall **Lm887.18** u xoghol li sar fuqha jammonta ghall **Lm2,197.00.**

**Kontestazzjoni**

L-attur qed jikkontendi li l-hsara li gralha l-karozza sehh tort tal-konvenut li m'ghandux mechanical sympathy ma vettura tat-tlielaq. (ara fol 142) mentri l-konvenut qed

isostni lil x-xoghol li suppost li ghamel l-attur fuq il-vettura tant sar hazin li kkawza danni ngenti fiha.

**Tikkunsidra**

Dwar ir-raguni ghaliex grat il-hsara l-attur xehed li din it-tip ta' vettura hija ferm delikata u l-makna trid tindukraha sabiex tasal u tisfrutta l-potenzjal taghha. Hu kien spjega lill konvenut li sakemm tizviluppa l-makna, hu kellu jipprova jzomm ir-revolutions tal-makna ghal bejn 5000 rpm u 6000 rpm u taht ebda cirkostanza ma jaghfas il-pedala kollha tal-gas, ghax jekk idawwar il-makna aktar milli tiflah jikkawza l-hsara. Hu u l-konvenut kienu marru Hal Far biex jaghmlu r-*running in*. Il-konvenut saq l-Escort u ghamel il-korsa xi hames darbiet. Hin minnhon Anthony Borda li kien mieghu qallu: 'X'jigri l-Escort, Martin!' Hu ma hax pjacir billi l-*computer* tal-Escort ma kellux rev limiter. Ftit wara sema l-makna ta' l-Escort taqta' u ra li l-konvenut ma bediex jinduna li kien qed jigri. Hu ghalhekk beda jxejjer b'idejh lill konvenut biex iwaqqaf . Wara li dana tela' u nizel xi erba' darbiet ohra l-konvenut induna bih u waqaf. Il-konvenut resaq lejh u qallu li meta r-rev counter jilhaq il 5000 il-makna kienet qed taqta'. L-attur mar jipprova l-karozza flimkien mal-konvenut u kkonferma dak li qallu l-konvenut. Ipprova jaccellera gradwalment, imma appena l-makna lahqet qrib il 5000 rpm sema hoss metalliku u l-makna ntfiet. Waqaf u fetah il-bonnet u beda hiereg iz-zejt mill-makna, u nduna li l-makna kienet inkisret.

Alfred Sant li kien hadem fuq l-Escort bhala auto electrician, kien mar mal partijiet Hal Far biex Zahra jippruva l-karozza. Spiteri kien qal lill Zahra biex isuq bil-mod ghax il-karozza kien ghada taht ir-running in. Zahra beda jipprova l-karozza, tiela u niezel fil-korsa. F'hin minnhom Spiteri induna li l-karozza ma kinitx qeghda tahdem sew, ghalhekk Spiteri kien qal lill Zahra xi tlett darbiet biex ma jaghfasx, imma dana baqa' jaghfas. F'ahhar qallu biex jieqaf ghax kien qed jghamillha hsara. Zahra baqa jinsisti biex isuq kif kien qed isuq u filli kien ghaddej u filli l-karozza waqfet u gralha l-hsara.

Minn naha l-ohra Zahra xehed li kienu marru Hal-Far jippruvaw il-karozza. L-attur kien qallu li kellu jaccellera ftit ftit, minhabba r-running in. Hu segwa l-parir tieghu. Beda jtella’ r-reving tal-magna ftit , ftit. Meta wasal certu reves, innota li l-makna bdiet timmissja ghalhekk resaq lejn l-attur bi *speed* baxx u sejjahhlu u qallu li l-makna ma kienitx qed toghgbu, ghalhekk l-attur riekeb mieghu u saq hu. L-attur ghafasha u bdew jisimghu l-makna timmissja . X’hin waslu fit-tarf tar-runnway, dawwru l-karozza u gew biex jitilghu lura u l-attur rega ghafas il-gas u mat-tibdil tal-*gear* mis-*second* ghad-*third*, sema bhala sparatura qawwija fil-makna u din intfiet u sema bhal hadid jigri ma’ l-art. L-attur waqqaf il-karozza u marru jigbru il-bicciet min fuq ir-runway. Wara hadu l-karozza fil-garage tieghu Hal Lija.

Alex Zahra iben il-konvenut xehed li F’Hal Far missieru saq l-Escort bi *speed* baxx ghal diversi drabi u min darba ghall ohra jzid ftit l-ispeed skond ma kien qallu l-attur stess quddiemu. Wara xi sitt darbiet illi missieru kien tela’ u nizel Hal Far, voldieri tela’ u nizel ir-*runway* ta’ Hal Far xi sitt darbiet, beda jhoss il magna tispara. F’hin minnhom missieru waqaf hdejn Martin u qallu dwar il-hoss fil-makna. L-attur ghalhekk rikeb ma missieru biex jara x’qed jigri. Rega’ sema l-makna tispara u meta daru d-dawra ra dahna qawwija u xi hadid itir. Mad-dahna sema bhal spluzzjoni. L-attur waqqaf il-karozza u hu mar hdejhom biex jara x’gara. Wara hu mar id-dar igib il-karrru biex jiehdu l-karozza lura lejn il-garage Hal Lija.

**Tikkunsidra**

Mill provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien tela u nizel il-korsa diversi drabi meta l-karozza bdiet timmissja. Il-karozza kienet diga qed tahdem hazin meta l-attur mar jipprovaha mal-konvenut biex jara x’ghandha, u kien f’dak il-waqt li l-makna inkisret.

L-attur u x-xhud minnhu prodott xehdu li l-makna bdiet tahdem hazin u gara dak li gara ghax il-konvenut beda jaghfas il-karozza meta dina kienet bir-*running in*, u l-konvenut lanqas induna li kien qed jeccedi l-ispeed billi

ma kellux rev limiter u b'hekk ghamel il-hsara. Ghalkemm l-attur kien ghamel sinjal lill konvenut biex jieqaf meta ra li l-karozza ma kienitx qed tahdem sew il-konvenut baqa' ma waqafx, imbaghad meta l-konvenut induna li l-karozza mhux qed tahdem sew hu mar fejn l-attur.

Il-konvenut qed jallega li l-makna tal-karozza kienet inkisret mhux ghax kien qed jaghfasha kif allega l-attur u Alfred Sant imma ghax l-attur ghamel xoghol hazin fil-karozza u ghalhekk ma kienitx tajba u qed jirrifjuta li jhallsu tax-xoghol li ghamel. F'dan il-kaz il-konvenut jehtieglu jipprova li verament dak li gara kien minhabba xoghol hazin li sar mill-attur fuq il-karozza.

Il-konvenut ressaq bhala prova rapport ex parte ta' David Abrahams li hu kien qabbad biex jezamina l-karozza u jirrapporta dwar x'kien ikkawza l-hsara fil-karozza. Skond Abrahams kien hemm diversi ragunijiet ghaliex il-karozza gratilha hsara fosthom:

- *the damage was caused by insufficient clearance given to moving parts fitted in the engine and contact had been made by the connecting rod bolts to certain major parts, thus resulting in extensive damage to the engine.*

- *the cylinder head had suffered major detonations, this being where the material has reached a very high temperature and is at the point of melting.*

- *the clutch mechanism fitted fouled the gearbox casing and rendered the same inoperative.*

- *the wiring loom had at some time suffered severe damage and had made most of the electrical fittings unusable.*

Fl-affidavit ulterjuri tieghu, l-attur a fol 140 jispjega ghaliex ma jaqbilx mal-konkluzzjonijiet ta' Abrahams.

Il-Qorti f'dan il-kaz kienet innominat perit tekniku fuq talba ta' l-attur (ara fol 139) biex jirrelata dwar ix-xoghol li

ghamel l-attur fuq dina l-vettura li allegatament ikkawza l-hsara fil-makna tal-vettura. Billi l-espert inkarigat ma kien ghamel xejn il-Qorti kienet ser tissostitwih b'espert iehor meta fis-16 ta' April 2004 (ara fol 152) Dr. J. Schembri ghall konvenut kien informa lill Qorti li l-vettura llum tinsab mibjugha u li kienu saru xogholijiet sostanzjali fuq il-makna tal-karozza kif jirrizulta mill-affidavit ta' Abrahams. In vista ta' dan il-verbal l-attur kien irtira t-talba ghan nomina ta' perit.

L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati. L-oneru tal-prova li l-hsara grat tort ta' l-attur (skond kif hemm fl-eccezzjoni tal-konvenut) kien jaqa' fuq l-istess konvenut. B'dak li ghamel pero' l-konvenut pogga lilu inniffsu f'posizzjoni fejn dana ma setghax isir ghax hu sewwa l-makna bla ma informa lill attur li ser isewwieha u inoltre biegh il-karozza b'mod li issa huwa aktar difficili li ssir perizja teknika fuqgha. Jekk il-konvenut qed jippretendi li m'ghandux ihallas lill attur ghax qed jallega li sar xoghol hazin mill-attur fil-karozza hu messu informa lill attur bid-hsarat li sab u talbu jaghmel xoghol rimedjali qabel ma jqabbad lill haddiehor biex jaghmel dana x-xoghol, u mhux jaghmel kollox minn wara dar l-attur u bla jinfurmah. Il-verifiki necessarji kellhom isiru qabel ma x-xoghol rimedjali jinghata lill terzi u dana anke bl-iskop li jigi accertat jekk id-difetti kienux parzjali jew sostanzjali kif qed jallega l-konvenut u dana a fini ta' l-inadempiment da parti ta' l-attur.

Fil-fatt fuq dana l-punt il-konvenut xehed hekk:

"Jien lill Martin, pero' ma kontx ghidtlu li Abrahams kien gej Malta u ghalhekk meta Abrahams kien Malta jezamina l-karozza tieghi u biex jaghtini parir, Martin ma kienx prezenti u jien lil Martin ghamiltilu stat ta' fatt illi tellajt il-karozza l-Ingilterra. Kien ghalhekk jien kont infurmajt lil Martin illi kont baghat il-karozza l-Ingilterra u mhux illi kont sejjer nibghat il-karozza l-Ingilterra." (fol 102).

Ghalhekk il-Qorti ma tqisx bhala konkludenti tal-esitenza ta’ xoghol hazin allegat mill-attur, l-accertamenti teknici unilaterali li ghamel Abrahams li gie nkarigat mill-konvenut bla ma l-attur ma kien jaf b’xejn.  Abrahams kien ra l-*parts* li baghatlu l-konvenut, wara li l-makna kienet giet zarmata hawn Malta.

Il-Qorti tikkonkudi li l-konvenut ma pprovax l-eccezzjoni tieghu, anzi jidher li l-hsara grat ghax il-konvenut ma kienx qed isuq il-karozza kif suppost meta dina kienet ghadha bir-*running in*.

Kwantu ghall ammonti mitluba mill-attur jirrizulta li l-konvenut pprezenta d-dokumenti relattivi bi prova dettaljata taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici
Tichad l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenut.
Spejjez ghall konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------